**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Il-15-il Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (laqgħa b'urġenza)** ser issir nhar **it-Tnejn 3 ta' Marzu 2014 fil-5pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

1. **Approvazzjoni tal-*Financial Statements 2013***
2. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-15-il Laqgħa tas-seba’ leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (laqgħa b’urġenza) li saret nhar it-Tnejn 3 ta’ Marzu 2014 fil-5pm ta’ filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tal-5:30 ta’ filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Olympia Sant |
| Ambaxxatriċi | Kimberly D’Amato |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. APPROVAZZJONI TAL-*FINANCIAL STATEMENTS 2013*

1.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-*Financial Statements 2013*.

1.2 Qal li dawn l-*istatements* iridu jiġu approvati mill-Kunsill Lokali sabiex ikunu jistgħu jiġu mgħoddija lill-awdituri li fil-jiem li ġejjin se jkunu qegħdin jagħmlu l-awditjar tal-Kunsill Lokali.

1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega x'hemm imniżżel fil-*Financial Statements 2013* u wieġeb għal xi mistoqsijiet li kellhom il-Kunsillieri preżenti.

1.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandhom jiġu approvati l-*Financial Statements 2013*.

## 2. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-publikazzjoni li mistennija toħroġ dwar il-lokalita' u l-istorja tal-Qrendi, liema pubblikazzjoni se tkun qiegħda ssir taħt Miżura 313 tal-Unjoni Ewropea.

2.2 Qal li l-Kunsill Lokali permezz ta' sejħa għall-offerti kien qabbad lill-kumpanija *Europe Direct* sabiex tieħu ħsieb tagħmel ir-riċerka u eventwalment tippublika dan il-ktieb.

2.3 Spjega kif saru diversi laqgħat mas-Sur Mark Causon li kien jirrapreżenta lil din il-kumpanija u qal kif jekk wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn din il-pubblikazzjoni mill-ewwel jinnota li hemm diversi żbalji.

2.4 Żied li l-Kunsill Lokali ilu mill-aħħar leġiżlatura jiġbed l-attenzjoni ta' din il-kumpanija li l-pubblikazzjoni mhijiex ta' livell u li hemm bżonn jiġu rranġati

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ħafna nuqqasijiet imma jidher li dawn l-appelli dejjem waqgħu fuq widnejn torox.

2.5 Qal li bħala Kunsill Lokali pruvajna ngħinu kemm nistgħu sabiex din il-pubblikazzjoni tkun suċċess imma jidher li din il-kumpanija ma tantx xtaqet l-għajnuna tagħna.

2.6 Spjega kif fl-aħħar verżjoni li ngħata l-Kunsill Lokali, hemm affarijiet li huma tal-mistħija u ċertament ma jagħmluhx ġieħ la lil din il-pubblikazzjoni u wisq anqas lil-lokalita' tal-Qrendi.

2.7 Is-Sindku qal li min-naħa tiegħu tkellem mas-Sur Mark Causon u wara li ġibidlu l-attenzjoni għat-tielet darba dwar diversi nuqqasijiet li jeżistu f'din il-pubblikazzjoni qallu sabiex jieqaf mill-kitba ta' dan il-ktieb.

2.8 Min-naħa tiegħu ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jwaqqaf lill-kumpanija *Europe Direct* milli tkompli din il-pubblikazzjoni u nkellmu lill-*Paying Agency* sabiex naraw jekk nistgħux inqabbdu lil ħaddieħor li jagħmel xogħol ħafna aktar serju.

2.9 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li l-kumpanija *Europe Direct* għandha titwaqqaf mill-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb u se nitkellmu mal-*Paying Agency* sabiex naraw kif nistgħu nipproċedu.

Il-laqgħa ntemmet fil-5:30pm.

_________________________ ________________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**